MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1598/2000/1

**Polidano Service Station & Plant Hire Limited**

**vs**

**The Cargo Handling Co Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici giet moghtija appalt mis-socjeta' konvenuta u dana a bazi ta' ftehim verbali sabiex tforni u topera crane li ghandu l-kapacita' u l-attrezzaturi necesasrji sabiex jaghmel xoghol ta' irfigh u ippustjar ta'

containers liema xoghol kien is-soltu jsir mill-crane li jgib l-isem ta’ Italgru, liema crane dak iz-zmien kien bil-hsara;

Illi dan il-ftehim kellu jdum in vigore sakemm jitranga l-istess crane bl-isem ta’ Italgru;

Illi s-socjeta’ attrici accetatt tali ftehim bil-patt u l-kondizzjoni illi tithallas is-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) ghall-mobilization tal-crane u hmistax-il lira maltin (Lm15) ghal kull tip ta’ irfigh li jsir bil-crane;

Illi sussegwentement, u dana wara l-kuntratt t’appalt in kwistjoni kien gja’ in vigore, is-socjeta’ konvenuta kienet unilateralment varjat il-ftehim illi s-socjeta’ attrici ma tkomplix bix-xoghol kollu taghha, jigifieri bl-unloading u bir-releasing ta’ containers, izda bl-unloading biss gahr-ragunijiet illi x-xoghol ta releasing kien se jkompli jaghmlu haddiehor;

Illi din il-varjazzjoni, unilaterali da parti tas-socjeta’ konvenuta, kienet giet accettata mis-socjeta’ attrici bil-kondizzjoni illi avolja tnaqqsilha x-xoghol taghha r-rati ta’ hlas lis-socjeta’ attrici gja stabbiliti jibqghu l-istess;

Illi mbaghad inqalghet bicca xoghol f’ akwata ohra tal-port li kienet tinvolvi unloading ta’ merkanzija minn fuq vapur liema xoghol kien jifforma parti mill-kuntratt ta’ appalt ta’ bejn il-kontendenti;

Illi s-socjeta’ attrici sabiex tonora tali ftehim hija aramt il-crane f’ post idoneju sabiex tkun tista’ taghmel dan ix-xoghol;

Illi s-socjeta’ attrici giet odrnata mill-awtoritajit tal-port sabiex hija iccaqlaq il-crane minn fejn kien armat;

Illi sabiex isir dan ix-xoghol ta' hatt minn fuq dan il-vapur in kwistjoni iddahhal kuntrattur iehor bil-crane tieghu;

Illi s-socjeta' konvenuta qabdet u unilateralment itterminat l-kuntratt ta' appalt minn mas-socjeta' attrici minghajr ebda raguni valida u inkarigat lill-kuntrattur l-iehor sabiex ikompli jaghmel dan l-istess xoghol u dana nonostante li l-ftehim bejniethom kien illi l-imsemmi appalt kellu jittermina meta jerga' jkun f' posizzjoni illi jopra l-carne bl-isem ta' Italgru;

Illi s-socjeta' attrici giet resa fl-impossiilta' illi tesegwixxi l-kuntratt ta' appalt u konsegwenza ta' dan hija sofriet pregudizzju u danni konsiderevoli konsistenti fi spejjez inutili u telf ta' profitti;

Is-socjeta attrici ghalhekk talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Qorti m'ghandiex: -

Tiddikjara illi l-kuntratt t'appalt li kien hemm bejn is-socjeta' konvenuta u bejn is-socjeta' attrici gie itterminat mis-socjeta' konvenuta u dana minghajr ebda raguni valida;

Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici a kawza ta' tali terminazzjoni tal-kuntratt da parti tas-socjeta konvenuta u dana ai termini tal-Artikolu 1640(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju datat 30 ta' Gunju, 2000 u bl-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

Preliminarjament illi s-socjeta' eccipjenti ghandha tkun korrettement imsejjha bhala "The Cargo Handling Company Limited" u mhux kif giet erronjament imharrka mis-socjeta' attrici;
Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kienet l-istess socjeta' attrici li unilateralment u minghajr raguni valida ghazlet li tieqaf milli tkompli tipprovdi s-servizzi li kienet talbitha s-socjeta' eccipjenti;

Illi, subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma sofrietx
danni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-ssocjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Novembru 2000 li bih giet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta konvenuta u b'hekk giet sorvolata l-eccezzjoni preliminari tal-istess socjeta konvenuta;

Rat l-affidavits presentati mis-socjeta attrici;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta’ attrici tippremetti li verbalment ottjeniet appalt mis-socjeta’ konvenuta sabiex tforni u topera crane ghax-xoghol ta’ irfigh u ippustjar ta’ containers u liema xoghol kien isir mill-crane, Italgru, li pero’ kien bil-hsara. Ghalhekk dan il-ftehim kellu jsehh sakhemm jitranga l-imsemmi crane Italgru. Is-socjeta attrici accetatt bil-kondizzjoni li tithallas is-somma ta’ sitt mitt lira maltin (Lm600) ghall-mobilitazzjoni tal-crane u hmistax-il lira maltin (Lm15) ghal kull tip ta’ irfigh li jsir bl-istess crane. Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li wara li beda jithaddem dan il-ftehim is-socjeta’ konvenuta unilateralment varjat it-termini tal-istess ftehim fis-sens li minn “unloading” u “releasing” ta’ containers, issa s-socjeta attrici bdiet tghamel “unloading” biss. Is-socjeta attrici accettat bil-kondizzjoni li r-rati ta’ hlas jibqghu kif miftiehem;

Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li gra li nqalghet bicca xoghol li kienet tinvolvi unloading ta’ merkanzija u s-socjeta’ attrici armat il-crane f’post idoneju sabiex ikun jista jsir ix-xoghol in kwestjoni pero’ l-awtoritajit tal-port ordnaw li il-crane kellu jiccaqqlaq minn fejn kien gie armat. Ghalhekk sabiex isir ix-xoghol ta’ hatt in kwestjoni iddahhal kuntrattur iehor bil-crane tieghu. Ghalhekk ukoll is-socjeta’ konvenuta unilateralment itterminat l-kuntratt ta’ appalt in kwestjoni minghajr ebda raguni valida u inkarigat lill-kuntrattur l-iehor sabiex ikompli jaghmel dan l-istess xoghol u dana nonostante li l-ftehim li kien hemm li l-imsemmi appalt kellu jibqa fis-sehh sakhemm jerga jibda jopera l-imsemmi crane Italgru. Is-socjeta attrici finalment ippremettiet li giet resa fl-impossiilta’ illi tesegwixxi l-kuntratt ta’ appalt u konsegwenza ta’ dan hija sofriet pregudizzju u danni konsiderevoli konsistenti fi spejjez inutili u telf ta’ profitti. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat l-appalt li kien hemm bejn il-kontendenti gie itterminat mis-socjeta’ konvenuta u dana minghajr ebda raguni valida. Qed titlob ukoll li jigu likwidati d-danni

sofferti minha kawza ta’ tali terminazzjoni u dana ai termini tal-Artikolu 1640(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u l s-socjea konvenuta tigi kundannata thallas l-ammont hekk likwidat;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li kienet is-socjeta’ attrici li unilateralment u minghajr raguni valida ghazlet li tieqaf milli tkompli tipprovdi s-servizzi kif miftiehem bejn il-kontendenti u finalment li s-socjeta attrici ma sofrietx danni;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta konvenuta verbalment tat appalt lis-socjeta attrici sabiex permezz ta’ crane supplit mill-istess socjeta attrici jinhattu u jitghabbew containers minn fuq il-vapuri li jidhlu fil-Port il-Kbir. Is-socjeta attrici kienet ukoll responsabbli sabiex il-containers li jitnizzlu minn abbord jitqieghdu fuq it-truck. Wara li gew miftiehma ukoll il-prezzijiet, is-socjeta attrici bdiet tghamel ix-xoghol imsemmi. Jirrizulta ukoll li dan il-ftehim kellu jibqa fis-sehh sakhemm jissewwa wiehed miz-zewg cranes li s-socjeta konvenuta kienet tuza ghal dan it-tip ta’ xoghol u peress li dawn it-tnejn kienu bi hsara;

Jista jkun li wara li beda dan ix-xoghol tbiddlu xi termini u kundizzjonijiet tal-ftehim. Dan il-fatt pero’ mhux rilevanti ghal-finijiet ta’ din il-kawza tenut kont tal-pretensjonijiet u talbiet attrici;

Jirrizulta li darba wahda s-socjeta konvenuta tat struzzjonijiet lis-socjeta li kellu jidhol, f’post partikolari fil-Port il-Kbir, vapur mghobbi b’merkanzija li ma kienitx go containers u li s-socjeta attrici kella tiehu hsieb li thott l-istess merkanzija minn abbord. Is-socjeta attrici ghalhekk armat il-crane taghha sabiex ikun jista isir dan ix-xoghol. Gara, pero’, li, skond is-socjeta attrici, din ma thallitx tesegwixxi dan ix-xoghol in kwestjoni peress li l-awtoritajiet tal-port u ufficjali tas-socjeta konvenuta ordnaw li il-crane kellu jiccaqqlaq minn fejn kien gie armat

u dana peress li kien ta’ ingombru. Jirrizulta li in effett il-hatt tal-merkanzija in kwestjoni sar minn kuntrattur iehor;

Ghas-socjeta attrici dan kollu fisser li s-sojeta konvenuta unilateralment itterminat l-kuntratt ta’ appalt in kwestjoni minghajr ebda raguni valida. Is-socjeta attrici tippretendi li tpoggiet fl-impossibilita’ li tesegwixxi l-kuntratt ta’ appalt. Dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici pero’ ma jirrizultawx sufficjentement pruvati;

Difatti s-socjeta attrici ma pprovatx li s-socjeta konvenuta waqfitha milli tghamel xi xoghol in partikolari jew li tterminat l-appalt in kwestjoni. Saret biss prova li xi haddiema ta’ kuntrattur iehor telghu abbord il-vapur in kwestjoni flimkien ma rappresentanti tal-agenti tal-istess vapur u li zewg cranes zghar proprjeta’ tal-istess kuntrattur l-iehor kienu qeghdin jinbidlulhom u jzidulhom il-jib-sections halli dawn jitwalu. In effett ix-xoghol sar permezz wiehed minn dawn il-cranes;

Fil-kuntest tal-imsemmija pretensjonijiet attrici dawn il-provi ma jwasslux sabiex jista jinghad li jirrizulta li s-socjeta konvenuta tterminat unilateralment l-appalt in kwestjoni. Fl-ewwel lok direttur tas-socjeta attrici kkonferma li ufficjal gholi tas-socjeta konvenuta kien ikkonfermalu li normalment dan ix-xoghol ma jsirx mill-istess socjeta konvenuta izda l-agent tal-vapur iqabbad lil min irid hu halli jhott il-vapur. L-istess direttur tas-socjeta attrici jsostni li l-agenti tal-vapur iddikjaraw li kienu gia’ ftehmu mas-socjeta konvenuta sabiex din tghamel l-arrangementi kollha necessarji halli jinhatt il-vapur. Is-socjeta attrici pero’ naqset li tipproduci biex jixhdu lill-imsemmija agenti tal-vapur;

Ufficjali tas-socjeta konvenuta kkonfermaw li in effett is-socjeta attrici riedet li tithallas iktar mir-rata miftiehma sabiex titnizzel il-merkanzija minn abbord. L-istess ufficjali jsostnu ukoll li l-ftehim mas-socjeta attrici kien jirrigwarda biss il-hatt u t-tghabija ta’ containers u mhux merkanzija hekk imsejjha sfuza. In effett jidher li l-prezzijiet li kien hemm qbil dwarhom kienu jirreferu ghal kull refgha ta’ unit

sia jekk din tkun intiza sabiex tghabbi, kif ukoll jekk din tkun sabiex thott u anke jekk il-container ikun vojt;

Inoltre giet esibita lista shiha ta’ vapuri li ghar-rigward taghhom is-socjeta attrici rrifjutat li tnizzel jew tghabbi l-containers. Minhabba f’hekk dawn il-vapuri kellhom jigu dirottati lejn il-Freeport;

Ufficjal partikolari tas-socjeta konvenuta kkonferma li direttur tas-socjeta attrici kien iddikjara li jekk ix-xoghol in kwestjoni ma kienx ser isir mis-socjeta attrici allura m'hu se jahdmu hadd. Fil-fatt il-crane tas-socjeta attrici ddawwar b'certu mod ghal fuq il-vapur sabiex hadd ma jkun jista' jhott il-merkanzija;

Ufficjal iehor tas-socjeta konvenuta qal li direttur tas-socjeta attrici kien stqarr li jekk ix-xoghol in kwestjoni ma jinhadimx mis-socjeta attrici allura huwa ma kienx ser ikompli bl-appalt in kwestjoni;

Jidher ukoll li sal-gurnata in kwestjoni is-socjeta attrici dejjem hadmet fuq containers u mhux fuq merkanzija sfuza;

Jidher ukoll li peress li s-socjeta attrici kienet qed tirrifjuta li tghamel dan ix-xoghol gie mqabbad kuntrattur iehor. Ghalhekk ma kinitx is-socjeta konvenuta li tterminat l-appalt in kwestjoni izda kienet is-socjeta attrici li sua sponte ma komplitx bl-istess appalt;

Fid-dawl ta’ dan kollu jirrizulta li l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu akkolti u konsgwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tas-socjeta attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------